32001D0265

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Marzu 2001

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija li tistabbilixxi ċerti kondizzjonijiet għat-trasport ta' merkanzija bit-triq u l-promozzjoni ta' trasport ikkumbinat

(Test b'relevanza ŻEE)

(2001/265/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 71 u 93 flimkien mat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) miġjuba fih,

Wara li kkunsidra l-proposta mingħand il-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi:

(1) Il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija jistabbilixxi xi kondizzjonijiet għat-trasport ta' merkanzija bit-triq u għall-promozzjoni tat-trasport ikkumbinat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") jipprevedi mezz xieraq għal aktar żvilupp tar-relazzjonijiet tat-trasport bejn il-Partijiet Kontraenti.

(2) Il-konklużjoni tal-Ftehim jikkontribwixxi għat-thaddim mingħajr tfixkil tas-suq intern għaliex jinkoraġġixxi t-transitu tat-traffiku mir-Repubblika tal-Bulgarija għat-trasport intern bejn il-Greċja u l-Istati Membri l-oħra u dan jippermetti li l-kummerċ intra-Komunitarju isir bl-anqas spejjeż possibbli għall-pubbliku in ġenerali u li jnaqqas għall-anqas livell possibbli t-tfixkil amministrattiv u tekniku li jaffettwah.

(3) Il-konklużjoni tal-Ftehim jinkoraġġixxi t-trasport ikkumbinat, bl-iskop li jħares l-ambjent.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat f'isem il-Komunità,

IDDEĊIEDA SKOND DAN LI ĠEJ:

L-Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija li jistabbilixxi xi kondizzjonijiet għat-trasport ta' merkanzija bit-triq u l-promozzjoni tat-trasport ikkumbinat huwa b'din approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 19 tal-Ftehim.

L-Artikolu 3

Il-Kummissjoni, megħjuna mir-rappreżentanti tal-membri tal-Kunsill, jirrappreżentaw lill-Komunità fil-Kumitat tat-Trasport Komunità/Bulgarija (minn issa 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat") imwaqqaf bl-Artikolu 13 tal-Ftehim.

Il-pożizzjoni li tittieħed mill-Komunità fil-Kumitat tiġi adottata mill-Kunsill li jkun qed jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mingħand il-Kummissjoni. Il-Kunsill irid jaġixxi b'maġġoranza sempliċi meta d-deċiżjoni li l-Kumitat jipproponi li jieħu jkollha x'taqsam mar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat.

([1]) ĠU Ċ 89 E, 28.3.2000, p. 52.
([2]) Opinjoni mogħtija fil-25.10.2000 (li għadha mhix ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).

Id-deċiżjonijiet mittieħda mill-Kumitat jiġu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 4

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Marzu 2001.

Għall-Kunsill

Il-President

M. WINBERG